

tal-eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-għanijiet tal-attivitatijiet ta' spezzjoni, investigazzjoni u verifika, liema interpretazzjoni tgħid li din l-eċċezzjoni ma tistax tapplika wara l-adozzjoni mill-Kummissjoni tad-deċiżjoni tagħha li ttejjem il-proċedura amministrattiva ta' kontroll ta' konċentrazzjoni (it-tieni parti). L-appellanti ssostni wkoll li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi manifest billi talbet, minn naħa, eżami konkret u individwali tad-dokumenti mwettaq mill-Kummissjoni, b'deskrizzjoni ta' kull kontenut u, min-naħa l-oħra, billi talbet il-konsultazzjoni ta' terzi, minkejja n-natura manifesta tal-eċċezzjoni dwar il-protezzjoni ta' interessi kummerċjali (it-tielet parti). Barra minn hekk, il-Kummissjoni tallega żball ta' liġi mwettaq mill-Qorti Ġenerali peress li annullat id-deċiżjoni tagħha li tirrifjuta l-aċċess għad-dokumenti interni, meta dawn id-dokumenti jaqgħu fl-ambitu tal-eċċezzjoni "proċess tat-tehdid ta' deċiżjonijiet" msemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(3) (ir-raba' parti). Fl-aħħar nett, l-appellanti tinvoka interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 4(6) tar-regolament iċċitat iktar 'il fuq (il-ħames parti).

- (¹) Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).
- (²) Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4064/89, tal-21 ta' Diċembru 1989, dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 31).

Rikors ippreżentat fis-16 ta' Awissu 2010 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Estonja

(Kawża C-407/10)

(2010/C 274/31)

Lingwa tal-kawża: l-Estonjan

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Sipos u E. Randvere)

Konvenuta: Ir-Repubblika tal-Estonja

Talbiet tar-rikorrenti

— tikkonstata li r-Repubblika tal-Estonja naqset milli tikkomunika l-miżuri neċessarji għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2007/47/KE (¹) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' Settembru 2007 (li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 90/385/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati

Membri rigward il-mezzi mediċi attivi li jiddaħħlu f'xi parti tal-ġisem, id-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE dwar mezzi mediċi u Direttiva 98/8/KEE dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali);

— tikkundanna lir-Repubblika tal-Estonja għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva fis-sistema legali nazzjonali skada fil-21 ta' Diċembru 2008.

(¹) ĠU L 247, p. 21.

Rikors ippreżentat fis-16 ta' Awwissu 2010 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Estonja

(Kawża C-408/10)

(2010/C 274/32)

Lingwa tal-kawża: l-Estonjan

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Sipos u E. Randvere)

Konvenuta: Ir-Repubblika tal-Estonja

Talbiet

— tikkonstata li r-Repubblika tal-Estonja ma kkomunikatx il-miżuri neċessarji għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2008/13/KE (¹) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Marzu 2008, li tirrevoka d-Direttiva tal-Kunsill 84/539/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar tagħmir elettro-mediku użat fil-mediċina veterinarja.

— tikkundanna lir-Repubblika tal-Estonja għall-ispejjeż.